Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,381, 2 ta' April, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XIII tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għas-sospensjoni jew interruzzjoni ta' perjodi ta' żminijiet legali jew termini oħrajn fil-kuntest ta' emerġenza ta' saħħa pubblika u biex jagħmel dispożizzjonijiet u jipprovdi għal materji anċillari jew inċidentali għalihom jew konnessi magħhom.

ACT No. XIII of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the suspension or interruption of legal and other time periods in the context of a public health emergency and to make provision and to provide for matters ancillary or incidental thereto or connected therewith.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

2 ta' April, 2020

ATT Nru XIII tal-2020

ATT biex jipprovdi għas-sospensjoni jew interruzzjoni ta' perjodi ta' żminijiet legali jew termini oħrajn fil-kuntest ta' emerġenza ta' saħħa pubblika u biex jagħmel dispożizzjonijiet u jipprovdi għal materji anċillari jew inċidentali għalihom jew konnessi magħhom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2020 dwar is-Sospensjoni u l-Interruzzjoni ta' Perjodi ta' Żminijiet Legali u Oħrajn.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"qorti" tfisser kwalunkwe mill-qrati tal-ġustizzja, u tirreferi għall-qrati superjuri u l-qrati inferjuri inklużi l-qrati tal-appell irrispettivament mill-kompetenza jew il-ġuriżdizzjoni tagħhom, u tinkludi wkoll kwalunkwe tribunal jew korp stabbilit mil-liġi li jopera mill-binja tal-Qrati tal-Ġustizzja ġewwa l-Belt Valletta, u kwalunkwe bordijiet, kummissjonijiet, kumitati jew entitajiet oħra li joperaw mill-binja tal-Qrati tal-Ġustizzja li quddiemhom jinstemgħu proċedimenti jew isiru proċeduri u tinkludi tribunali jew korpi oħra kostitwiti bil-liġi li l-Ministru jista' jippreskrivi;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

Verżjoni Elettronika

"Reġistru" tfisser ir-reġistru ta' kwalunkwe qorti;

Kap. 465.

"Suprintendent" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar is-Saħħa Pubblika.

Setgħat tal-Ministru li joħroġ regolamenti. Kap. 465.

3. (1) Meta, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lis-Suprintendent taħt l-artikoli 26 jew 27 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent joħroġ ordni għall-għeluq ta':

(a) kwalunkwe qorti;

(b) ir-reġistru ta' kwalunkwe qorti;

(ċ) kwalunkwe dipartiment tal-gvern;

(d) kwalunkwe uffiċċju ta' xi awtorità pubblika;

(e) kull entità oħra kostitwita bil-liġi; jew

(f) kull uffiċċju ieħor li jipprovdi servizz lill-pubbliku,

u l-Ministru jidhirlu li l-għeluq ta' xi waħda mill-entitajiet, dipartimenti jew uffiċċji kollha elenkati fil-paragrafi (a) sa (f) hawn fuq, jista' jkollu konsegwenza ta' preġudizzju bħala riżultat tal-kontinwazzjoni ta' perjodi ta' żminijiet preskritti minn kwalunkwe liġi jew fi kwalunkwe kuntratt matul dak l-għeluq, il-Ministru jista', minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, jagħmel dawk ir-regolamenti b'rabta mal-kontinwazzjoni ta' dawk iż-żminijiet li jistgħu jitqiesu spedjenti fiċ-ċirkostanzi.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-ordnijiet li jistgħu jsiru skont is-subartikolu (1), il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jippreskrivi għas-sospensjoni jew għall-waqfien ta' kwalunkwe limiti ta' żmien stabbiliti:

(a) minn jew taħt kwalunkwe liġi sostantiva jew proċedurali oħra, inklużi perjodi ta' preskrizzjoni, u kwalunkwe limitu ta' żmien kemm jekk perentorju jew le;

(b) minn kwalunkwe qorti, dipartiment tal-gvern, aġenzija tal-gvern jew awtorità pubblika; jew

(ċ) fi kwalunkwe ftehim kemm jekk jirriżulta minn kitba privata kif ukoll minn att pubbliku.

(3) Kull regolament maħruġ skont dan l-artikolu jista' jkun ta' tali applikazzjoni li l-Ministru jista' jqis opportun fiċ-ċirkostanzi.

Applikabilità.

4. Ir-regolamenti preskritti magħmula mill-Ministru skont is-

Verżjoni Elettronika

setgħat mogħtija taħt l-artikolu 3 jistgħu jinħarġu b'effett minn data stabbilita fir-regolament inkluża data li tippreċedi r-regolament b'mhux aktar minn xahar.

Setgħat addizzjonali tal-Ministru li jippreskrivi regolamenti.

5. Il-Ministru jista' skont is-setgħat mogħtija taħt l-artikolu 3 jagħmel regolamenti bl-iskop li jirregola materji li huma konsegwenzjali, inċidentali jew anċillari għas-sospensjoni ta' kwalunkwe ħinijiet.

Ordnijiet maħruġa mis-Suprintendent.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħa tas-Suprintendent li joħroġ ordnijiet li jissospendu kwalunkwe termini legali, kuntrattwali jew oħrajn skont is-setgħat mogħtija lis-Suprintendent taħt l-imsemmi Att u xejn f'dan l-Att ma għandu jinftiehem bħala limitazzjoni fuq dawn is-setgħat.

Riżervi. Kap. 465.

7. Il-leġiżlazzjoni sussidjarji magħmula taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika b'rabta mas-sospensjoni tal-ħinijiet għandhom ikomplu fis-seħħ u jkollhom effett daqslikieku saru taħt dan l-Att.

Emenda Konsegwenzjali

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju. Kap. 371.

8. L-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Bank Ċentrali, jekk jidhirlu li huwa opportun fl-interess pubbliku sabiex jagħmel hekk, b'regolamenti jew b'ordni ppubblikata fil-Gazzetta, jistabbilixxi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-banek."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Bank Ċentrali, jekk jidhirlu li huwa opportun fl-interess pubbliku sabiex jagħmel dan, b'regolamenti jew b'ordni ppubblikata fil-Gazzetta, jiżgura li s-servizzi, li huma meqjusa li jkunu essenzjali għat-tkomplija tan-negozju bankarju bħat-trasport tal-flus u s-servizzi ta' għassa, jibqgħu jiġu pprovduti matul perjodu kif speċifikat bir-regolamenti.".

Verżjoni Elettronika

A 314

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 317 tal-1 ta' April, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati